MINUTI

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ

L-GĦAXAR LEĠISLATURA
LAQGĦA NUMRU TLETIN

28 TA' OTTUBRU, 2026

Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq fil-17:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, il-Viċi Sindku s-Sur Ignatius Farrugia u s-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, Is-Sur Kyle Mifsud, Is-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut, is-Sur Daniel Muscat u s-Sur Jeremy Coleiro.

SKUŻAT

ASSENTI

UFFIĊĊJAL PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

MINUTI

30.1		***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA***
30.1.1		Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.
30.2		***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI***
30.2.1		• Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li meta ressaq li Triq Frangisk Coleiro tinsab bla dawl, s-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien hemm dawl meta ġiet inawgurat. Imma minn informazzjoni li ġabet is-Segretarju Eżekuttiv, Triq Frangisk Coleiro qatt ma kienet tiexel, lanqas meta ġiet inawgurata. Għal bżonn li r-ritratti li kienet rat kienu bl-AI. • Fir-rigward tal-monti taż-Żurrieq, il-Kunsillier Dino Bonnici qal li tkellem mad-Direttur Ġenerali tal-Kummerċ u stiednu biex jiġi fis-seduta li jmiss. Dan biex il-kunsill jipproċedi ħalli l-monti jkun irregolarizzat.

		• Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hemm bżonn li peress li l-attivita tal-Milied ser issir fi Triq San Bartilmew, jeħtieġ li t-triq issir bit-tarmak wara li sar xogħol mil-WSC. Ma kienx hemm qbil li x-xogħol għandu jagħmlu l-Kunsill, meta suppost isir minn WSC. • Is-Sindku qalet li inkitbu aktar minn 300 resident biex jieħdu t-tilqima tal-influenza.
30.2.2		Il-minuti numru 29 ġew approvati. F'dan il-ħin il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta (ħin 18:10)
30.3		***Komunikazzjoni mis-Sindku***
30.3.1		Is-Sindku qalet li : Irċevejna ittra mingħand il-Kunsill ta' Pedara li Iż-Żurrieq hu ġemellat miegħu, fejn wrew ix-xewqa li jiġu Malta biex isaħħu l-ħbieberija tagħhom maż-Żrieraq. Kien hemm qbil li l-Kunsill jaċċetta. Il-Kunsilliera Marisa D'Amato infurmat lill-Kunsill li fil-ġimgħa li ġejja ser ikollha okkażjoni li żżur Pedara u ser titkellem dirett mal-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan u li l-Kunsill jitlob aktar informazzjoni mingħand Pedara.
30.3.2		Is-Sindku qalet li : • Kellha laqgħa ma' Festivals Malta fuq il-Karnival. Ser tiġi diskussa t-tema tal-karnival u r-regolamenti. L-attivita ser tkun fl-4 ta' Frar, 2027. • Il-qtugħ taż-żebbuġ ser isir is-Sibt 7 ta' Novembru, fejn il-Mitħna tax-Xarolla • Għall-festa ta' Sant Andrija, ser tinfetaħ il-kappella ta' Sant Andrija u saret talba biex isiru żewġ arbli fejn il-kappella, fuq il-bankina. Kien hemm qbil fuq dan u li l-ispejjeż isiru minn min ser jagħmel ix-xogħol. Meta jitneħħew l-arbli hemm bżonn li t-toqob ikunu mgħottija, minħabba xi periklu.
30.3.3		Is-Sindku qalet li waqt laqgħa mas-Soċjetajiet fuq l-armar tal-Milied, soċjeta minnhom kienet lesta li tagħmel ix-xogħol tal-arbli hi, bi stima orħos minn dik li kien jgħati l-kuntrattur li juża l-Kunsill. Kien hemm qbil li tali xogħol tieħdu s-soċjeta imsemmija.
30.3.4		Is-Sindku qalet li fl-okkażjoni tal-logħba tal-boċċi li ssir f'isem il-Kunsill Lokali fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq, kienu preżenti hi (s-Sindku) u l-Kunsillier Daniel Muscat biss, għalkemm kien mistieden il-Kunsill kollu. Is-Sindku qalet li kien hemm l-allegazzjoni li r-riċeviment tal-okkażjoni sar mill-Kunsill, imma dan mhu veru xejn. Il-Kunsill bħal kull sena, ħallas it-trophies.

30.3.5		Is-Sindku qalet li residenta fi Triq it-Taħħan talbet li l-kaxxa safra li kien għamlilha l-Kunsill, titneħħa u minflok trid junction box. Il-Kunsilliera Dino Bonnici, Kyle Mifsud u Marylyn Sammut qablu li l-Kunsill jitlob lill-TM fuq dan il-każ, suġġett li l-persuna tapplika għal parkeġġ riservat. Ma kienx hemm qbil fuq dan u li din il-persuna għandha tapplika għall-parkeġġ riservat.
30.3.6		Is-Sindku reġgħat kellha komunikat mas-Sur Grixti tal-FSWS. Is-Sur Grixti kkonferma li l-FSWS lest li jħallas għall-bust. L-FSWS ser jaħtar kumitat ta' 3 persuni u s-Sindku ukoll tkun inkluża fih. F'April id-DETOX ser jagħlaq 40 sena miftuħ u ser jippruvaw li dan il-bust ikun lest sa dak inhar. FSWS qed titlob li tkun involuta fil-kliem tal-lapida u tal-kxif tal-monument. Kien hemm qbil fuq dan kollu.
30.4		***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI***
30.4.1		Il-Kunsillier Jeremy Coleiro:- • Persuna fi Triq l-Arċipriet E Mifsud, qed titlob bollard fejn il-koxxa tal-bieb tal-garaxx għaliex xorta qed jipparkjawlu. Kien hemm qbil fuq dan.
30.4.2		Il-Kunsillier Daniel Muscat qal: • Triq Dun Ġużepp Zammit talab li jsiru bollards fejn kien hemm qabel ma sar it-tarmak. Kien hemm qbil fuq dan. • Għada hemm semi final tal-boċċi kontra iż-Żejtun, qed jistieden lill-Kunsill jattendi.
30.4.5		Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet/issuġġeriet: • L-open day għall-Cat cafe ser issir fid-29ta' Novembru. Qtates hemm fuq 90 s'issa. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lil sid l-istabbiliment li hemm fil-viċin biex juża l-propjeta tiegħu għall-open day. • Issir attivita' għat-tfal tal-iskola – torganizza mawra għat-tfal biċ-ċiċċu train u fost id-dawra maż-Żurrieq, tinkludi l-cat cafe. Kien hemm qbil li jiddeċiedi l-kap tal-Iskola meta tkun il-ġurnata. • Jeħtieġ li jitħaffef ix-xogħol fuq il-proġett ta' Misraħ Repubblika. Is-Sindku infurmat li bħalissa għaddejjin is-surveys tal-misraħ. • Jeħtieġ li minflok il-palma mejta li hemm fi Vjal il-Blue Grotto issir parkeġġ għall-muturi u minflok il-parkeġġ li hemm bħalissa jsir parkeġġ ta' vettura.
30.4.6		Il-Kunsillier Kenneth Farrugia • Talab biex isir pole ta' motorcycle quddiem dar 104 Triq Sant Agatha. Kien hemm qbil fuq dan. • Fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq San Martin iridu li ssir zebra crossing. Kien hemm qbil li tintalab talba lil TM.

		• Triq San Mark hemm *Boutique Hotel* u ħafna mit-turisti qed jipparkjaw ħażin. Ġie ssuġġerit li jsiru bollards fejn id-double yellow lines. Kien hemm qbil fuq dan. • Fi Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa kien hemm qbil li jinżabru s-siġar għax id-dawl jinsab ġo fihom. • Nhar it-Tnejn il-Kunsillieri Kenneth Farrugia, Kyle Mifsud u Jeremy Coleiro ser imorru l-EXPO u ser jiġu lura b'informazzjoni. • Qal li hemm bżonn li l-Kunsill jipressa mal-Kunsill Qrendi biex isir il-monument tal-markiż f'Wied iż-Żurrieq. Is-Sindku qalet li l-Kunsill taż-Żurrieq ma jistax jindaħal fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Qrendi. • Issuġġerixxa biex il-Kunsill jgħin fuq il-qbid tal-hornets. Is-Sindku tkellmet mal-berġa tas-saħħa biex jitpoġġew reċipjenti fuq il-berġa.
30.4.7		Il-Kunsillier Marylyn Sammut qalet: • Fi Triq Kalanġ Saliba jsiru parkeġġi madwar it-traffic island. Ma kienx hemm qbil għaliex skont il-liġi ma tistax tipparkja ma Traffic island. • Triq Matteolo Saliba intalab parkeġġ ta' mutur jew yellow box. Ma kienx hemm qbil fuq dan. • Talbet biex fid-Day Centre tal-Anzjani jibdew isiru korsijiet tal-crafts. Is-Sindku qalet li kull sala li juża l-Kunsill, ikun irid iħallas. Ma kienx hemm qbil fuq dan. F'dan il-ħin ħarġet mis-seduta il-Kunsilliera Marisa D'Amato (ħin 20:00)
30.4.8		Il-Kunsillier Dino Bonnici qal: • li qed jaħdem fuq serata letterarja fuq Prof Mons P P Saydon. Jixtieq li din issir ġol-knisja. Ser jinvolvi esperti fis-settur u jinvolvi lill-familjari tagħhom. Kien hemm qbil fuq dan. • Is-sezzjonijiet tal-awtiżmu li qed jagħmel iż-Żurrieq FC u l-Kunsill Lokali qed ikunu ta' suċċess.
30.4.9		Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal : • Biex is-Sindku titkellem mas-Sindki ta' wara l-mina biex isir Traffic management, wara l-mina waqt il-ħinijiet ta' filgħodu. Dan minħabba li ż-Żrieraq qed ikollhom dewmien biex joħorġu mil-mina fil-ħinijet ta' filgħodu. • Ser jorganizza attività fit-13 ta'Diċembru għat-tfal. • Ser jorganizza mixja mill-buskett għaż-Żurrieq, fit-13 ta' Novembru u l-flus ser jgħaddu għal Cat Cafe. • Il-*Christmas Market* ser isir fil-11 ta' Diċembru fi Triq San Bartilmew. • Kien hemm qbil li għal din is-sena ma jiżdidux dawl tal-Milied u għal sena oħra l-Kunsill jixtri materjal ieħor ġdid.

		• Nitolbu aktar informazzjoni fuq l-applikazzjoni li ser issir f'Birżebbuġa fuq *land reclamation.* Kien hemm qbil li nitolbu lill-konsulent tal-PA.
30.5		***Laqgħa mal-Ispettur tal-Community police***
30.5.1		Qabel is-Seduta tal-Kunsill kien hawn preżenti l-Ispettur tal-Community Police, is-Sur Matthew Attard flimkien mal-Pulizija tal-Komunita Elizabeth Hopkins. Wara diskussjoni ta' ilmenti mressqa mill-Kunsill, il-Kunsill irringrazzja lill-community police tas-servizz tagħhom u tal-preżenza tagħhom f'din il-laqgħa.
30.6		***Triq De Mello – jinbidel id-direzzjoni tat-traffiku tagħha***
30.6.1		Il-Kunsillier Dino Bonnici spjega s-suġġeriment fuq id-direzzjoni tat -traffiku għal Triq De Mello. Dawk preżenti qablu mas-suġġeriment. Il-Kunsillier Dino Bonnici ser jagħmel site plan b'dak maqbul u din titressaq lit-TM għall-approvazzjoni.
30.7		**Traffic management għal Vjal l-Indipendenza**
30.7.1		Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat draft tat-traffic management li tħejja minn Transport Malta għall-attenzjoni tal-Kunsill.
30.7.2		Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li l-pjanti imressqa għandhom jiġu spjegati mill-Perit tal-Kunsill f'seduta oħra. Kien hemm qbil fuq dan.
30.8		***Orkestra Żurrieq***
30.8.1		Is-Sindku qalet li irċeviet ittra personali irreġistrata iffirmata mis-Surmast Direttur , Assistent Surmastri, mill-leaders u mil-persuna tal-loġistika. **Dok 1 mehmuż** L-ittra tallega li għall-Kunsill Lokali, l-orkestra m'għadix prijorità u li s-sitwazzjoni iddeterjorat. Allegaw li : • Il-Kunsill mhux qed jibża għall-istrumenti li xtara hu stess għax qed jaħżinhom f'garaxx ma affarijiet oħra. • Il-Kunsill ma jridx jonfoq fondi f'reklamar. • Li fil-programm Mill-Pjazza għall-Pjazza, ingħataw slot wara nofsinhar fil-qilla tax-xemx u mingħajr tinda. • Li s-Sindku ippenalizzat lill-Orkestra u qaltilhom li jekk l-Orkestra Żurrieq ma tipparteċipax fil-programm ta' Minn Pjazza għall-Pjazza, ma kienux ser itellgħu l-attivita tas-sajf 2027. • Minn mindu qed issir il-manutenzjoni tal-iskola, l-Orkestra ma ingħatatx post alternattiv li jistgħu jsejħulu tagħhom biex isiru r-rehersals. • Għal dan il-għan il-kumitat qabel li b'mod effettiv l-Orkestra Żurrieq ma tibqax fi ħdan il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq. Din hi deċiżjoni finali u mhux revokabbli.

		Is-Sindku fformolat ittra li tqassmet lill-kunsilliera kollha, biex tintbagħat b'risposta għall-ittra li irċeviet. Kulħadd qabel mal-ittra tas-Sindku. Il-Kunsilliera Marisa D'Amato kompliet issostni l-ittra li ifformolat is-Sindku, billi żieded tgħid li l-Orkestra Żurrieq riedu inizjattiva biex ixolju l-Orkestra. Il-Kunsill m'għandu jkollu rimorsi ta' xejn fuq dan ix-xoljiment. Din inħolqot biex tagħmel isem liż-Żurrieq, meta l-mużiċisti ftit li xejn kienu miż-Żurrieq. Meta l-Kunsill ressaq żrieraq biex jipparteċipaw fl-Orkestra, ġew rifjutati mis-Surmast. L-orkestra irrifjutat ukoll li tipparteċipa fl-attivitajiet tal-Kunsill Lokali fir-raħal. Is-Sindku ssuġġeriet li titkellem maż-żewġ soċjetajiet tal-baned taż-Żurrieq fuq tfassil ta' Orkestra oħra. Hi ssuġġeriet li jkun hemm call for application għal surmast u bandisti miż-Żurrieq. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.
30.9		***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** ***Approvazzjonijiet ta' xogħlijiet u servizzi***
30.9.1		Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet: • Persuna li tgħix barra r-raħal u tiġi taraha lill-ommha fi Triq San Pawl, trid li l-Kunsill japplika għall-parkeġġ komuni riservat għall-persuni b'diżabilta quddiem ir-residenza t'ommha. L-anzjana li tgħix fi Triq San Pawl għandha 90 sena u ma tridx li tapplika hi għall-parkeġġ li jista jużah ħaddieħor ukoll. Meta mistoqsija jekk tafx lil xi persuni oħra b'diżabilita li jgħixu fl-akwata, qalet li ma tafx. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lill-TM biex tagħmel parkeġġ komuni man-naħa tal-ġnien pubbliku li hemm fl-istess triq. • Il-Kunsill intalab japprova li jsir tower crane fi Triq ta' Ciantar u li t-triq issir b'direzzjoni waħda tat-traffiku. Pjanta annessa **Dok 2.** Kien hemm qbil. • Il-Kunsill intalab japprova tower crane għal sena minn Novembru 2026, biex jitpoġġa fi Triq G M Callus eżatt appoġġ mal-mużew tal-bniet. Pjanta annessa **Dok 3.** Intalab li tinbidel parti mid-direzzjoni tat-traffiku fi Triq G M Callus. Kien hemm qbil fuq dan. • Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill Lokali b'ħofra kbira wara Ġnien il-Ġibjun li mid-dehra xi ħadd mhux magħruf ħaffer għal bore whole. Il-Kunsill għamel rapporti lill-Enemalta, WSC, ERA, PA u PW. Ħadd ma wieġeb li jaf bis-sitwazzjoni. PA ġie rappreżentant u waħħal twissija biex min ħaffer javviċina lill-PA imma ma kellhomx risposta. Il-Kunsill ta twissija ta' 15 -il ġurnata lill-entitajiet kollha li jekk ħadd ma jieħu azzjoni, l-Kunsill kien ser jordom il-ħofra kbira ħalli ma tibqax ta' periklu. Ħadd ma avviċina lill-Kunsill u din il-ġimgħa l-Kunsill radam il-ħofra bil-kuntrattur tiegħu. Issa m'hemmx periklu.

		• Persuna trid li jitneħħewlha d-double yellow lines minn quddiem il-garaxxijiet tagħha li jinsabu fi Triq Santa Katarina. Ma kienx hemm qbil minħabba li jekk isir parkeġġ quddiem tali garaxxijiet, jkunu qed jostakolaw it-triq u t-tkomplija tal-bankina. • Il-Kunsill intalab jagħmel parkeġġ riservat komuni għall-persuni b'diżabilta fi Triq Zakkarija Ronkali. Kien hemm qbil fuq dan. • Resident talab biex isiru żewġ parkeġġi fi Triq Madre Thereza Nuzzo k/m Triq il-Kunċizzjoni u residenti oħra, għall-istess post talbu li jsiru linji doppji sofor, biex ma jipparkjawx vetturi, ħalli ma jkunux ta' ostaklu biex jaraw meta jkunu ħerġin mill-garaxx. Kien hemm qbil li jibqa kollox kif inhu. • Kuntrattur qed jitlob li jiġi installat hoarding tal-ħadid fi Triq San Iljun madwar is-sit ta' kostruzzjoni tiegħu. Dan il-hoarding ser idum madwar 6 xhur. Kien hemm qbil fuq dan. • Sit ta' għalqa qed jitlob li issir crash barrier fi Triq Ħal Far viċin il-fabblika tal-ħarrub, għaliex it-trakkijiet qed iwaqqgħawlu l-ħajt. **Dok 4 anness.** Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jinstallax crash barriers minħabba l-periklu għas-sewwieqa tal-muturi u l-Kunsill jitlob lill-TM biex tara dan il-Każ. • Infurmat li rċeviet riżenja tal-impjegata Maria Briffa Callus li ser ittem l-impjieg tagħha minn mal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq fl-aħħar tas-sena 2026. Hi infurmat li ser tmur taħdem Kunsill Lokali Mtarfa bħala Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretaru Eżekuttiv infurmat li għalissa mhux ser tinħareġ vakanza għal sostituzzjoni, wara li tkellmet kemm mas-Sindku u anke mal-impjegati l-oħra. **Dok 5 mehmuż** • Tressqet lista ta' ilmenti/suġġerimenti fuq il-linji tat-traffiku. Kien hemm qbil fuq parti mill-ilmenti/suġġerimenti.
30.9.2		Wara l-emails li kienu intbagħtu fir-rigward ta' permessi ta' għeluq ta' toroq li ma jaffetwawx it-traffiku fil-ħinijiet tal-iskola, s-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsill biex jagħti lista ta' toroq li jaċċettaw li jinħarġu permessi mis-7:00am minflok mid-9:30am, ħalli l-iskrivani tal-Kunsill ikollhom direzzjoni ta' x'permessi jinħarġu. Il-Kunsillieri qablu u taw lista ta' toroq, li l-permessi tal-ħidma fihom (b'għeluq ta' triq), jibdew wara d-9:30 ta' filgħodu. F'dawn it-toroq biss: Triq Santa Katarina, Triq Dun Ġużeppp Zammit, Triq il-Ħaddiema, Triq l-Imqabba (Minn Vjal il-Blu Grotto lejn l-iskola), Triq Santu Formosa u Triq San Bartilmew (minn Triq Santa Katarina sa Triq 21 ta' Lulju)
30.9.3		Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart, preparat mill-accountant il-ġdida. Dan ġie approvat biex jiġi ppublikat.
30.10		***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun Punent.***
30.10.1		Tressqu il-minuti tar-Reġjun Punent numri 66 u 67.

30.11		***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI***
30.11.1		Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 6** għall-ammont totali ta' €125,822.94 Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Jeremy Coliero u Daniel Muscat.
30.12		***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS***
30.12.1		Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21:10. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 18ta' Novembru, 2026 fil-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Novembru, 2026

Rita Grima
Sindku

Josianne Cilia Mumford
Segretarju Eżekuttiv